**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 39 - IT-TLIETA, 20 TA' DIĊEMBRU 2011**

**LAQGĦA MSEJĦA B'URĠENZA**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-19:30.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Pierre Sciberras | Viċi Sindku |
| | Clifford Galea | Kunsillier |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Kunsillier |
| | David Bonello | Kunsillier (wasal fis-19:32) |
| | Pauline Miceli | Kunsillier (waslet fis-19:35) |
| | Mario Brincat | Kunsillier |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużata: | Maryanne Cuomo | *Chairperson BIC* |
| Pubbliku: | Ma kienx hemm pubbliku preżenti għal-laqgħa | |

Il-laqgħa ġiet imsejħa skont Artiklu 29A tal-Liġi, wara talba minn aktar minn terz tal-Kunsillieri li kienu l-Kunsillieri Galea, Miceli, Brincat u Gatt.

**1. MOZZJONI MILL-KUNSILLIER CLIFFORD GALEA DWAR L-HSBC**

1.1. Is-Sindku stiednet lill-Kunsillier Galea biex iressaq il-mozzjoni.

1.2. Is-Sur Galea spjega li huwa qed jipproponi li l-Kunsill jippubblika stqarrija biex tħeġġeġ lill-Bank HSBC jirrikonsidra d-deċiżjoni li tingħalaq il-fergħa tan-Naxxar. Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillieri Miceli, Brincat u Gatt.

1.3. Is-Sindku infurmat li ftit qabel ma ħarġet l-aħbar dwar id-deċiżjoni tal-HSBC hija kienet mitluba tiltaqa' ma' tliet uffiċċjali tal-Bank.

1.4. F'dan il-ħin daħal il-Kunsillier Bonello.

1.5. Is-Sindku kompliet tispjega li l-uffiċċjali tal-Bank spjegaw li kien hemm raġunijiet finanzjarji għaliex se tingħalaq il-fergħa u li dik tan-Naxxar mhux qed tkun vjabbli. Huwa kienu infurmawha li se jibqa' jingħata s-servizz bl-ATM u dawk li xtaqu jinqdew minn fergħa setgħu jagħmlu hekk mill-Mosta. Hija stqarret li ma kinetx xi ħaġa li ħadet gost biha iżda tifhem li ma tistax timponi fuq entità privata.

1.6. F’dan il-ħin daħlet il-Kunsilliera Miceli.

1.7. Kien hemm diskussjoni jekk għandux jittieħed vot fuq il-mozzjoni oriġinali jew jekk għandiex tkun ifformulata l-istqarrija u jittieħed vot bl-istqarrija b’kollox. Is-SE ġibed l-attenzjoni li jkun inutli li l-Kunsill jivvota fuq tal-ewwel biss għaliex jekk din tgħaddi xorta jista’ jkun hemm problema fuq kif se tkun ifformulata l-istqarrija. Għalhekk huwa rrakkomanda li jkun aħjar li tkun ifformulata bħala parti mill-mozzjoni.

1.8. Ġiet għalhekk proposta l-ewwel abbozz ta’ stqarrija mill-Kunsillier Galea li kienet tgħid: *Il-Kunsill Lokali Naxxar juri d-dispjaċir tiegħu li se jitnaqqsu s-servizzi għar-residenti min-naħa tal-fergħa HSBC fin-Naxxar u jitlob lil din il-kumpanija biex tikkunsidra mill-qrib il-ħtiġijiet tal-komunità*. Issekondaw il-Kunsillieri Miceli, Brincat u Gatt.

1.9. Is-Sindku ressqet emenda għall-mozzjoni biex tiġi taqra: *Il-Kunsill Lokali Naxxar juri d-dispjaċir li se tagħlaq il-fergħa tal-HSBC tan-Naxxar però tifhem ukoll li, bħala entità privata għandha kull dritt li tagħmel dan u l-Kunsill m’għandux ġurisdizzjoni fuqha.* Issekonda din l-emenda l-Kunsillier Sammut.

1.10. Qamet diskussjoni u, wara nuqqas ta’ qbil dwar il-kontenut tal-istqarrija, kien hemm qbil li l-Kunsill għandu l-ewwel imur għall-vot fuq il-mozzjoni oriġinali.

1.11. Meta ttieħed il-vot il-Kunsillieri Galea, Miceli, Brincat u Gatt ivvutaw favur filwaqt li s-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsillieri Muscat Fenech Adami, Bonello u Sammut ivvutaw kontra. Għalhekk il-proposta m’għaddietx.

1.12. Il-laqgħa intemmet fit-19:58.

**Maria F. Deguara** *MD,MMCFD*
Sindku

**Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM*
Segretarju Eżekuttiv